**25 ta' April, 1986**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Georgina Vella xebba

*versus*

Emanuel Caruana u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 1981, ġie kkjamat fil-kawża Joseph Vella

## Danni – "*Lucrum Cessans*" – Kontro-Talba Kontra kjamat fil-Kawża

*L-art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili li jikkontempla d-danni li għandhom jitħallsu, jinkludi inter alia t-telf ta' qligħ futur u minħabba inkapaċità permanenti, totali jew parzjali, u jiddisponi wkoll li s-somma li għandha tiġi mogħtija għandha tkun stabbilita mill-Qorti wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, fuq kollox ix-xorta u grad ta' inkapaċità kkaġunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*

*Fil-każ preżenti jirriżulta mir-relazzjoni ta' l-espert mediku li hemm possibbilità – li mhux għal kollox inevitabbli – li l-attriċi tkun soġġetta aktar minn ħaddieħor għall-osteoartrite u li mhux possibbli wieħed jiġġudika kemm sejjer ikun serju dan il-proċess ta' osteoartrite.*

*Jidher għalhekk li l-konklużjoni ta' l-espert mediku ta' 10% diżabilità hija bbażata fuq sempliċi ipotesijiet li jistgħu jew ma jistgħux javveraw ruħhom u l-ebda Qorti ma tista' takkorda danni fuq sempliċi ipotesijiet.*

*Min-naħa l-oħra però ma jistax jiġi eskluż li l-attriċi f'xi żmien futur issofri minn osteoartrite li ma kinitx issofri minnha kieku ma kienx għall-inċident preżenti jew li ssofri minn osteartrite fi grad akbar milli kienet issofri minnha kieku ma kienx għall-inċident. għalhekk huwa opportun li f'dan il-każ il-Qorti tagħmel ir-riserva favur l-attriċi ta' kull azzjoni futura, kif għamlet f'kawżi oħra l-Qorti Ċivili.*

*Minn eżami tad-disposizzjonijiet relattivi għar-rikonvenzjoni (art. 396 et seq.) jidher ċar illi l-kontro-talba tal-konvenut tista' ssir biss kontra lettur u kwindi l-kontro-talba f'din il-kawża tal-konvenut*

*inkwantu magħmula kontra Joseph Vella (li lanqas biss kien fil-kawża meta saret il-kontrotalba u li ġie kkjamat fil-kawża wara) hija nulla – nullità dina li l-Qorti tista' u anzi għandha tissolleva ex officio billi tirrigwarda materja ta' proċedura u ordni pubbliku.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistratit tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza superjuri bħala Qorti Ċivili, permezz ta' liema ppremettiet illi waqt li hija kienet qed issuq il-karrozza tagħha tal-marka *Mini Minor* Numru tar-Reġistrazzjoni "K – 6419" (ittra K, sitt elef erba' mija u dsatax) minn Xlendi Road, limiti ta' Victoria, Kerċem, Għawdex, direzzjoni tal-Victoria, hija sfat investita minn Xarabank Numru "A – 1250" ittra A, (elf mitejn u ħamsin) misjuqa mill-konvenut u liema *bus* kienet ġejja mid-direzzjoni opposta, u dana fis-6 ta' Mejju, 1981, għal xi l-4.15 p.m.; illi l-imsemmi inċident stradali ġara unikament tort tas-sewqan traskurat, imprudenza, u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku u imperizja kif jiġi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawża; illi per konsegwenza ta' l-imsemmija inċidenti stradali l-attriċi sofriet danni konsistenti f'*damnum emergens* u *lucrum cessans* kif se jiġi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawża, u l-attriċi trid li tiġi risarċita għall-imsemmija danni, u talbet: (1) li l-konvenut jiġi ddikjarat unikament responsabbli għall-inċident stradali msemmi u konsegwenzjali danni; (2) li jiġu llikwidati d-danni hekk per konsegwenza sofferti u relattiv kumpens; (3) li l-konvenut jiġi kkundannat li jħallas lill-attriċi l-kumpens għad-danni hekk sofferti u llikwidati; bl-ispejjeż. Bl-inġunzjoni lill-konvenut sabiex jidher personalment għas-subizzjoni; u bl-imgħax legali;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Caruana fejn eċċepixxa: illi l-kolliżjoni in kwistjoni ġrat in parti tort ta' l-attriċi, Georgina xebba Vella li kienet issuq il-karrozza tagħha tal-marka *"Mini Minor"* u li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni "K – 6419" bi *speed* eċċessiv u in parti tort tas-sewwieq tal-karrozza tal-marka *"Triumph"* u li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni "T – 0517", Joseph Vella li ħareġ minn ġo triq sekondarja għal ġo triq prinċipali bla ma għamel sinjal ċar u bla ma kkunsidra li kienet ġejja l-karrozza tal-linja "A – 1250" mill-faċċata tiegħu; Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt:

Rat il-kontro-ċitazzjoni tal-konvenut Emanuel Caruana fejn, wara li ppremetta illi l-attriċi Georgina xebba Vella kienet tigwida l-karrozza tagħha "K – 6419" bi traskuraġni b'manjiera perikoluża u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku kif jiġi ppruvat dettaljatament waqt mis-smigħ tal-kawża u peress illi l-imsemmi Joseph Vella waqt li kien qiegħed isuq il-karrozza "T – 0517" ħareġ minn ġo triq sekondarja għal ġo triq prinċipali bla ma għamel sinjal ċar u bla ma kkunsidra li kienet ġejja l-karrozza tal-linja "A – 1250" misjuqa mill-esponenti mill-faċċata tiegħu u illi l-konvenut, Emanuel Caruana sofra danni konsiderevoli fil-karrozza tal-linja "A – 1250", konsistenti sewwa f'danni materjali u f'dawk fi kwalità ta' *"lucrum cessans"*; talab illi: (1) Georgina Vella u Joseph Vella jiġu ddikjarati t-tnejn, jew min minnhom responsabbli għall-inċident stradali msemmi; (2) illi jiġu llikwidati d-danni sofferti minn Emanuel Caruana, konsistenti f' *"damnum emergens"* u *"lucrum cessans"*; (3) illi tikkundanna lil Georgina xebba Vella u lil Joseph Vella jew min minnhom biex iħallas lill-esponenti d-danni hekk illikwidati; Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-attriċi, Georgina xebba Vella u kontra Joseph Vella, jew min minnhom li huma nġunti

għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-istess Joseph Vella fejn eċċepixxa illi huwa mhux bl-ebda mod responsabbli għall-inċident stradali li ġara fis-6 ta' Mejju, 1981, bejn il-karrozza misjuqa mill-attriċi u x-Xarabank misjuqa mill-konvenut; għal liema inċident huwa unikament responsabbli l-konvenut;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza superjuri bħala Qorti Ċivili mogħtija fit-12 ta' Ġunju, 1984, li hija dik il-Qorti, fil-waqt li ċaħdet it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut Emanuel Caruana u t-talbiet ta' l-istess konvenut kontenuti fil-kontro-ċitazzjoni tiegħu fil-konfront ta' l-attriċi, laqgħet l-istess talbiet kollha fil-konfront biss tal-kjamat fil-kawża Joseph Vella u ddikjarat li huwa unikament responsabbli għall-inċident stradali tas-6 ta' Mejju, 1981, fuq imsemmi, illikwidat id-danni sofferti mill-attriċi Georgina Vella fis-somma ta' erbat elef seba' mija u sitt liri Maltija ħamsin ċenteżmi (Lm4706.50) salv l-obbligu tagħha li tikkonsenja l-istess danneġġjat u l-*ispeakers* lil min hu responsabbli għall-ħlas tad-danni u dawk sofferti mill-konvenut Emanuel Caruana fis-somma ta' mija tmienja u erbgħin lira Maltija u disgħin ċentemżi (Lm148.90,0) u kkundannat lill-kjamat in kawża Joseph Vella jħallas lill-attriċi u lill-konvenut *rispettivament* is-somom imsemmija ta' erbat elef u sitt liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm4706.50,0) u mija u tmienja u erbgħin lira u disgħin ċenteżmu (Lm148.90,0), danni llikwidati bl-imgħax legali mil-lum, bl-ispejjeż kontra l-kjamat in kawża Joseph Vella wara li kkunsidrat:

*Omissis;*

Għal dak li jirrigwarda d-danni li għalihom irid jirrispondi l-kjamat fil-kawża taqbel perfettament ma' konklużjoni li wasal għaliha l-perit legali għal dak li jirrigwarda d-danni emerġenti u ċjoè li l-attriċi sofriet danni emerġenti (bid-dritt lill-kjamat fil-kawża li jirċievi l-*istereo* danneġġjat u l-*ispeakers)* fl-ammont ta' .elf, tmien mija u sitta u għoxrin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1,826.50,0) u l-konvenut sofra danni fl-ammont ta' mija u tmienja u erbgħin lira Maltija u disgħin ċenteżmu (Lm148.90,0);

Dwar danni konsistenti f'*lucrum cessans,* il-konvenut ma wasalx biex jipprovahom anzi eskludihom hu stess fix-xiehda tiegħu waqt li l-attriċi, kif irriżulta mir-relazzjoni ta' l-espert mediku l-Professur Victor J. Griffiths M.D., F.R.C.S., wara li ħa wkoll in konsiderazzjoni l-fatt li huwa possibbli (għalkemm mhux għal kollox inevitabbli) li biż-żmien tiżviluppa *"osteorthritis"* fil-*hip joint,* għandha tiġi kkunsidrata li bl-inċident ġiet issofri minn debilitazzjoni permanenti ta' għaxra fil-mija (10%) u f'dan ir-rigward taqbel mal-konklużjonijiet peritali li *nonostante* li l-ksur qed ifieq b'mod normali, il-ħsara fil-ġog hija permanenti għalkemm ħafifa u dan billi a differenza minn ġog mhux imfejjaq jippreżenta possibbilità ta' impedimenti fil-futur u din il-possibbilità bil-fors trid tittieħed in konsiderazzjoni f'dan l-istadju fejn hi rikjesta **likwidazzjoni definittiva** tad-danni sofferti u l-perċentwali ta' debilitazzjoni li wasal għalih l-espert mediku jirrigwarda preċiżament l-effetti fuq il-ġisem u l-funzjoni tiegħu ta' ġog prinċipali miksur u mfejjaq;

Għaldaqstant tillikwida d-danni sofferti mill-attriċi

*konsistenti f'lucrum cessans* bil-mod *kif spjegat* mill-*perit* legali u aċċettat mill-periti addizzjonali, fis-somma ta' elfejn tmien mija u *tmenin lira* Maltija (Lm2800);

Rat in-nota ta' l-appell tal-kjamat fil-kawża Joseph Vella pprezentata fl-20 ta' Ġunju, 1984;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-kjamat fil-kawża Joseph Vella pprezentata fil-5 ta' Lulju, 1984, li biha għar-raġunijiet hemm sottomessi talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tat-12 ta' Ġunju, 1984, tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-kompetenza superjuri bħala Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Georgina Vella, xebba *vs* Emanuel Caruana u b'digriet tas-16 ta' Ottubru, 1981, ġie kkjamat fil-kawża Joseph Vella Ċitazzjoni Numru 77/1981 billi tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi fil-konfront ta' l-appellant u tilqagħhom fil-konfront tal-konvenut Emanuel Caruana, tiċħad it-talbiet tal-konvenut in kwantu dawn huma diretti kontra l-appellant u l-attriċi, tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant billi tiddikjara lill-konvenut Emanuel Caruana unikament responsabbli għall-inċident in kwistjoni u tikkundannah iħallas id-danni kollha riżultanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konenut appellat;

Rat ir-rikjesta ta' l-appell tal-konvenut Emanuel Caruana pprezentata fit-12 ta' Lulju, 1984;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-attriċi appellata pprezentata fit-23 ta' Lulju, 1984;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

*Omissis;*

Kwantu għad-danni jidher li l-kjamat fil-kawża qiegħed jillimita l-aggravja tiegħu (kwantu għad-danni pagabbli lill-attriċi) għal dik il-parti tas-sentenza appellata li kkundannatu jħallasha s-somma ta' Lm2880 bħala *lucrum cessans* u qiegħed jissottometti li mir-relazzjoni tal-perit mediku jirriżulta li hemm sempliċi possibbilità ta' *osteoartrite* u li għalhekk l-attriċi mhix intitolata għad-danni għab-bażi ta' din is-sempliċi possibbilità, iżda semmai għandha ssir riserva favur tagħha għad-danni li jistgħu jirriżultaw fil-futur;

Fir-relazzjoni tiegħu (fol. 58 – 60) l-espert mediku kkonkluda billi qal: "Minħabba dan il-ksur li jinvolvi ġog kbir u importanti tal-koxxa *(hip joint)* u jġorr il-piż tal-ġisem huwa possibbli (għalkemm mhux għal kollox inevitabbli) li Georgina Vella tinsab aktar soġġetta minn ħaddieħor li biż-żmien tiżviluppa *osteoarthritis* f'dan il-ġog. Dan hu iktar mistenni minn soltu jiġri f'ċerti nies bħala effett ta' l-età. Fil-preżent, fi tfajla ta' 20 sena m'huwiex possibbli wieħed jiġġudika kemm sejjer ikun serju dan il-proċess ta' *oesteoarthritis,* però meħud f'konsiderazzjoni kollox, fil-fehma ta' l-esponent Georgina Vella hi intitolata għal stima ta' diżabilità ta' għaxra fil-mija (10%)";

L-imsemmija parti tar-relazzjoni ta' l-espert mediku riportata testwalment mill-Qorti, għandha, fil-fehma tagħha tiftiehem f'dan il-mod. Huwa possibbli li l-attriċi Georgina Vella tinsab aktar soġġett minn ħaddieħor li fil-futur tiżviluppalha l-

*osteoartrite*. Fil-każ tagħha dan hu aktar *mistenni milli soltu* jiġri minħabba l-età f'ċerti nies. Mhux biss huwa possibbli imma huwa mhux għal kollox inevitabbli. Mhux possibbli wieħed jiġġudika kemm sejjer ikun serju dan il-proċess ta' *osteoartrite* però meħud f'konsiderazzjoni kollox, hemm 10% diżabilità;

Ikkunsidrat:

L-artikolu 1088 tal-Kodiċi Ċivili li jikkontempla d-danni li għandhom jitħallsu, jinkludi *inter alia* t-telf ta' qligħ futur u minħabba inkapaċità permanenti, totali jew parzjali, u jiddisponi wkoll li *s-somma li għandha tiġi mogħtija għandha tiġi stabbilita* mill-Qorti wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, fuq kollox ix-xorta u grad ta' inkapaċità kaġunata u l-*kondizzjoni* tal-parti li tbati l-ħsara. Il-liġi mela, kif ġie osservat minn din il-Qorti fil-kawża Savona *vs* Asphar, tat-23 ta' Ġunju 1957, ma tagħmilx regoli fissi u inflessibbli u s-somma tad-danni hija rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti;

Issa fil-każ preżenti jirriżulta mir-relazzjoni ta' l-espert mediku li hemm possibbilità – li mhux għal kollox inevitabbli – li l-attriċi tkun soġġetta aktar minn ħaddieħor għall-*osteoartrite* u li mhux possibbli wieħed jiġġudika kemm sejjer ikun serju dan il-proċess ta' *osteo-artrite*. Il-konklużjoni ta' 10% diżabilità qiegħda tiġi bbażata fuq il-**possibbilità** li l-attriċi tkun aktar soġġetta minn ħaddieħor li biż-żmien tiżviluppa *osteoartrite* u, fil-każ li tavvera ruħha din il-possibbilità, fuq l-**impossibbilità** li tiġġudika llum kemm sejjer ikun serju l-proċess ta' *osteoartrite;*

Jidher għalhekk li l-konklużjoni ta' l-espert mediku ta' 10% diżabilità hija bbażata fuq sempliċi ipotesijiet li jistgħu jew ma jistgħux javveraw ruħhom u l-ebda Qorti ma tista' takkorda

danni fuq sempliċi ipotesijiet. L-artikolu 1088 tal-Kodiċi Ċivili jakkorda telf ta' qligħ futur minħabba inkapaċità permanenti. Din l-inkapaċità permanenti għalhekk mhux biss trid teżisti imma trid tkun tali li tagħti lok għal telf ta' qligħ futur. Fil-każ preżenti però, kif jirriżulta mir-relazzjoni medika, qegħdin biss fl-isfera tal-possibbilitajiet u għalhekk illum, kif inhuma ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti ma tistax takkorda danni konsistenti f'telf ta' qligħ futur derivanti minn inkapaċità permanenti;

Min-naħa l-oħra, però, kif jidher mir-relazzjoni medika, ma jistax jiġi eskluż li l-attriċi f'xi żmien futur issofri minn *osteoartrite* li ma kinitx issofri minnha kieku ma kienx għall-inċident preżenti jew li ssofri minn *osteoartrite* fi grad akbar milli kienet issofri minnha kieku ma kienx għall-inċident. Din il-possibbilità li fil-futur għad issofri danni minħabba *osteo-artrite* li tiżviluppalha jew li tiżviluppalha fi grad akbar minħabba l-inċident jagħmilha opportun li f'dan il-każ il-Qorti tagħmel ir-riserva infraskritta kif il-Qorti Ċivili għamlet fil-kawża Azzopardi *vs* Vella, 24 ta' Jannar, 1982 (Kollez. Deċ. Vol. XLVI.II. 556 & 560) fil-kawża Bartolo *vs* Bonnici, 31 ta' Ottubru, 1956 u fil-kawża Emanuel Brincat *vs* Raymond Gatt, 12 ta' Jannar, 1984;

Jibqa' għalhekk li l-attriċi hija fil-preżent intitolata biss għas-somma ta' elf tmien mija sitta u għoxrin lira Maltija ħamsin ċenteżmu (Lm1826.50) bħala *damnum emergens* kif illikwidati mill-ewwel perit legali u kif adottati mill-ewwel Qorti u li dwarhom ma jidhirx li kien hemm xi kontestazzjoni, salv naturalment ir-riserva fuq imsemmija;

Ikkunsidrat:

L-appell preżenti jirrigwarda wkoll dik il-Qorti ta' l-ewwel sentenza li biha l-kjamat fil-kawża ġie kkundannat iħallas id-danni lill-konvenut fis-somma ta' mija tmienja u erbgħin lira Matija disgħin ċenteżmi (Lm148.90). B'dan ir-rigward il-Qorti tosserva li hu evidenti li l-kjamat fil-kawża ġie kkundannat iħallas din *is-somma* lill-konvenut *in vista* tal-kontro-talba magħmula mill-istess konvenut kontra l-attriċi u *l-istes* kjamat *fil-kawża*. Jidher ċar però minn eżami tad-disposizzjonijiet relattivi għar-rikonvenzjoni (art. *396 et seq)* fil-Kodiċi *ta' Organizzazzjoni* u Proċedura Ċivili illi l-kontro-talba tal-konvenut tista' ssir biss kontra l-attur u kwindi l-kontro-talba f'din il-kawża tal-konvenut inkwantu magħmula kontra Joseph Vella (li lanqas biss kien fil-kawża meta saret il-kontro-talba u li ġie kjamat fil-kawża wara) hija nulla – *nullità dina li* l-Qorti tista' u anzi għandha tissolleva *ex officio* billi tirrigwarda materja ta' proċedura u ordni pubbliku. Għalhekk is-sentenza ma tistax tiġi sostnuta inkwantu kkundannat lill-kjamat fil-kawża jħallas lill-konvenut;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-Appell billi:

1) Tiddikjara lill-kjamat fil-kawża unikament responsabbli għall-kolliżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni u f'*dan ir-rigward* tiċħad l-appell ta' l-istess kjamat fil-kawża u tikkonferma s-sentenza appellata;

2) Tillikwida d-danni dovuti lill-attriċi mill-kjamat fil-kawża *fis-somma ta'* Lm1826.50 (salv l-obbligu tagħha li tikkonsenja *l-istereo* danneġġat u *l-ispeakers* lill-kjamat fil-kawża) u tikkundanna lill-kjamat fil-kawża jħallas lill-attriċi l-imsemmija somma ta' Lm1826.50, in linea ta' danni bl-imgħax legali mid-data tas-sentenza appellata, b'riserva favur l-attriċi ta' kull azzjoni futura kif ingħad fuq, u f'dan ir-rigward għalhekk

tirriforma s-sentenza appellata u tilqa' l-appell u;

3) Tiddikjara s-sentenza appellata, inkwantu li kkundannat lill-kjamat fl-kawża jħallas lill-konvenut is-somma ta' Lm148.90, bħala danni irrita u nulla. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi, kompriżi dawk tal-perizji, għandhom jitħallsu kwantu għal tliet kwarti mill-kjamat fil-kawża Joseph Vella u kwantu għal kwart mill-konvenut Emanuel Caruana.